# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 25 ta' Dicembru 2021**

## Il-Pulizija
## (Spettur Hubert Gerada)
## vs
## Abubaker Yunus Adam
## Muhamed Suliman Adam

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:-

**Abubaker Yunus Adam** ta' 23 sena, Nazzjonalita Sudaniza, iben Adam u Halima, imwieled is-Sudan nhar it-18 ta' Mejju, 1998 residenti gewwa residenza privata r-Rabat Ghawdex u detentur ta' Numru tal-Pulizija 20O-015; u

**Muhamed Suliman Adam** ta' 24 sena, Nazzjonalita Sudaniza, iben Adam Muhammed u Halima, imwieled is-Sudan nhar l-1 ta' Jannar, 1997 residenti gewwa c-China House Halfar, limiti Birzebbuga u detentur ta' Numru tal-Pulizija 20F-008:

Akkuzati talli f'l-24 ta' Dicembru 2021, f'dawn il-gżejjer meta kellhom fil-pussess taghhom dokumenti maħruġa minn awtorità kompetenti, cioé Passaport Tal-Gambja bin-numru PC699969 u karta tal-Identita Taljana bin-numru AZ8996783 maħruġa f'isem Jawo Dawda, u Passaport Gambja bin-numru PC701429 u karta tal-Identita Taljana bin-numru AY3580911 maħruġa f'isem Jawo Cherno, ittrasferixxew dawn id-dokumenti lil persuna oħra jew irċievew dokument li ġie ittrasferit lilhom minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw jagħmlu użu minn dokument maħruġ lil persuni oħra, cioé dawk diġa imsemmija (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta' kull wiehed minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**